



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

2011/2029(INI)

26.5.2011

OPINJONI

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet, is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità u r-regolamentazzjoni intelliġenti
(2011/2029(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Cornelis de Jong

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jappoġġa l-approċċ strateġiku tal-Kummissjoni, muri fil-Komunikazzjoni dwar ir-regolamentazzjoni intelliġenti fl-Unjoni Ewropea, li tqiegħed lir-regolamentazzjoni intelliġenti fil-qalba tal-proċess sħiħ tat-tfassil tal-politiki, mill-abbozzar ta' att ġuridiku sal-implimentazzjoni, l-infurzar, il-valutazzjoni u r-reviżjoni;
2. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE josservaw l-Artikolu 153(2b) tat-TFUE li jitlobhom jevitaw milli jgħaddu liġijiet li jimponu restrizzjonijiet amministrattivi, finanzjarji u legali li jxekklu l-ħolqien u l-iżvilupp tal-SMEs;
3. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tapplika test tal-SMEs, u b'mod partikolari test għall-proposti leġiżlattivi l-ġodda kollha, li jkun ibbażat fuq il-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir";
4. Jistieden lill-Kumitati Parlamentari kollha japplikaw il-prinċipji tat-test tal-SMEs fuq ir-rapporti leġiżlattivi, ladarba tkun saret votazzjoni dwarhom fil-Kumitat rispettiv u jkunu qegħdin jitressqu għal approvazzjoni quddiem il-plenarja;
5. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi u l-piżijiet burokratiċi fuq l-SMEs u jiffaċilitaw lhom l-aċċess għall-krediti u għas-suq tas-servizzi;
6. Huwa tal-fehma li r-regolamentazzjoni intelliġenti għandha tkun indirizzata lejn l-utent finali; jitlob għalhekk lill-Kummissjoni, lill-Kunsill, u lill-Parlament Ewropew biex huma u jfasslu leġiżlazzjoni ġdida, jiffukaw iktar fuq l-utenti finali u biex jiżguraw li dawn tal-aħħar ikunu kkonsultati adegwament matul il-proċess;
7. Jitlob lill-Kummissjoni tagħti appoġġ ikbar lid-djalogu u l-komunikazzjoni mas-soċjetà ċivili fil-forma ta' konsultazzjonijiet pubbliċi u jħeġġiġha li kemm jista' jkun tadatta din il-forma ta' komunikazzjoni għall-ħtiġijiet taċ-ċittadini ordinarji;
8. Jitlob lill-Kummissjoni tqis, fir-rieżami tal-mekaniżmu ta' konsultazzjonijiet pubbliċi, li s-soċjetà ċivili tiegħu sehem f'dawn il-konsultazzjonijiet biss fi grad insuffiċjenti ħafna; jitlob li l-Kummissjoni tadotta miżuri biex tiżgura li ammont sustanzjalment ikbar ta' ċittadini Ewropej jieħdu sehem f'konsultazzjonijiet pubbliċi milli kif kien il-każ s'issa, pereżempju permezz tal-użu ta' magni tat-traduzzjoni fuq l-internet li jkunu aċċessibbli u faċli biex jintużaw sabiex il-konsultazzjonijiet pubbliċi u l-paġni tal-internet u d-dokumenti relatati kollha jkunu disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE;
9. Jenfasizza li djalogu aktar miftuħ, trasparenti u regolari huwa l-prekundizzjoni bażika biex is-soċjetà ċivili tinvolvi ruħha aktar fil-proċess tat-tiswir tal-leġiżlazzjoni u l-governanza;
10. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ttawwal il-perjodu tal-konsultazzjoni pubblika minn tmien xhur għal tnax-il xahar; iqis l-involvement estensiv tal-persuni interessati kollha

bħala element kostituttiv ta' leġislazzjoni aħjar;

11. Jenfasizza l-importanza ta' Valutazzjoni tal-Impatt indipendenti għall-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar xierqa tal-miżuri leġislativi, u jistieden lill-Kumitati Parlamentari kollha jagħtu kunsiderazzjoni sħiħa lil dawn il-Valutazzjonijiet tal-Impatt; iqis li huwa ta' importanza li l-Valutazzjonijiet tal-Impatt jiġu aġġornati, wara li jsiru emendi sustanzjali għall-proposti inizjali tal-Kummissjoni;
12. Jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb aktar kemm iseħħu fil-waqt xieraq il-Bord ta' Valutazzjoni tal-Impatt, il-kwantifikazzjoni tal-ispejjeż ta' implimentazzjoni u ta' infurzar u l-piż amministrattiv potenzjali tal-leġislazzjoni proposta, kif suġġerit mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri fir-Rapport Speċjali tagħha dwar il-Valutazzjonijiet tal-Impatt¹;
13. Itenni l-fehmiet espressi fir-risoluzzjoni tal-20 ta' Mejju 2010 dwar "Ir-realizzazzjoni ta' suq uniku għall-konsumaturi u ċ-ċittadini" u fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Ottubru 2010 dwar "Regolamentazzjoni Intelliġenti fl-Unjoni Ewropea" li l-evalwazzjoni ex ante u ex post tal-leġislazzjoni tal-UE għandha ssir parti integrali fit-tfassil tal-politika; jitlob lill-Kummissjoni tuża bis-sħiħ din il-forma ta' valutazzjoni biex tivverifika l-kwalità, l-effikaċja u l-effiċjenza ta' kwalunkwe leġislazzjoni tal-UE, kif ukoll biex teżamina kif il-leġislazzjoni partikolari hi applikata fil-prattika fil-livelli differenti f'kull Stat Membru, kif ukoll l-effett ta' dan fuq il-konsumaturi, iċ-ċittadini u l-SMEs;
14. Ihegġegħ l-adozzjoni tal-proposta tal-Qorti tal-Awdituri li tistipula li l-valutazzjonijiet tal-impatt nazzjonali jistgħu jikkomplementaw b'mod utli dawk imwettqa mill-Kummissjoni; jitlob għas-simplifikazzjoni tal-leġislazzjoni u t-tnaqqis tal-ispejjeż amministrattivi, speċjalment għall-SMEs, l-iskambju ta' prattiki tajba bejn l-Istati Membri, u l-azzjoni kollettiva li l-Istati Membri għandhom jieħdu biex inaqqsu l-hekk imsejjaħ "indurar" (regolamentazzjoni eċċessiva) tal-leġislazzjoni tal-UE;
15. Jistieden lill-Kummissjoni taċċerta li jiġu eżaminati l-effetti potenzjali tal-leġislazzjoni proposta fuq is-suq intern u fuq il-konsumaturi, kif ukoll l-impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali tagħha; jenfasizza li, għal dan il-għan, għandhom jiġu kkonsultati sistematikament il-partijiet interessati kollha, inklużi l-SMEs, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u, jekk id-dispożizzjonijiet legali jkollhom impatt fuq is-suq tax-xogħol, is-sħab soċjali wkoll;
16. Ihegġegħ lill-Kummissjoni biex regolarment teżamina l-leġislazzjoni tal-UE, billi tiżgura b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew li l-leġislazzjoni eżistenti tiġi aġġornata b'mod korrett u, meta jkun xieraq u fuq bażi ta' kull każ għalih, li t-testi li ma għadhomx jgħoddu jitneħħew sabiex tiġi evitata r-regolamentazzjoni żejda;
17. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina, b'mod partikolari, ir-regolamenti ta' finanzjament kollha sabiex tnaqqas il-piż amministrattiv għall-applikanti għal sussidji tal-UE, biex il-proċess sħiħ tal-applikazzjoni jsir aktar effiċjenti;

¹ Il-Valutazzjonijiet tal-Impatt fl-istituzzjonijiet tal-UE: huma ta' appoġġ għat-teħid tad-deċiżjonijiet? Ir-Rapport Speċjali Nru 3/2010.

18. Huwa tal-fehma li r-rwol imsaħħaħ tal-Parlament Ewropew u tal-parlamenti nazzjonali, kif stipulat fit-Trattat ta' Lisbona, flimkien mal-prinċipju ġenerali tas-sussidjarjetà, taw importanza kbira lill-involvement attiv tal-Istati Membri tul iċ-ċiklu kollu tal-politika ta' kull att legali tal-UE, mill-abbozzar sal-implimentazzjoni, l-infurzar, il-konsolidazzjoni, l-evalwazzjoni u r-reviżjoni;
19. Jenfasizza li t-tabelli ta' korrispondenza jgħinu biex itejbu l-implimentazzjoni tal-miżuri dwar is-suq intern u jissimplifikaw l-infurzar tagħhom b' mod konsiderevoli; jistieden lill-Istati Membri biex, għal finijiet ta' aktar trasparenza, fl-aħħar jaċċettaw u jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku tabelli ta' korrispondenza għall-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet legali u b'hekk jagħtu kontribut għal leġislazzjoni aħjar; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu kull sforz possibbli biex ikomplu jtejbu t-traspożizzjoni, l-applikazzjoni u, fejn ikun xieraq, l-infurzar tal-leġislazzjoni tal-UE;
20. Jenfasizza li, bl-istess approċċ adottat fir-rapport Monti, għandu jkun hemm aktar użu ta' regolamenti fil-proposti leġislattivi, bil-għan li jingħaddu anqas atti leġislattivi, imma ta' kwalità aħjar;
21. Huwa tal-fehma li l-komunikazzjoni dwar il-proċess leġislattiv u l-proposti leġislattivi għandha tittejjeb bil-għan li d-dritt Ewropew jiffunzjona aħjar, minħabba li r-rapporti tal-istituzzjonijiet ta' spiss ma jħallux li l-impriżi u ċ-ċittadini jagħrfu ċar preċiżament liema leġislazzjoni tkun ġiet adottata fl-aħħar;
22. Jieħu nota li l-Kummissjoni biħsiebha tressaq iktar tard fl-2011, proposta leġislattiva dwar l-użu ta' mekkaniżmi alternattivi għar-risoluzzjoni tal-kontroversji, bil-għan li tiżgura aċċess rapidu u effikaċi għal mekkaniżmi tar-risoluzzjoni mhux ġudizzjarja tal-kontroversji.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	25.5.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 34 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Pablo Arias Echeverría, Adam Bielan, Cristian Silviu Buşoi, Lara Comi, Anna Maria Corazza Bildt, António Fernando Correia De Campos, Jürgen Creutzmann, Evelyne Gebhardt, Louis Grech, Małgorzata Handzlik, Malcolm Harbour, Iliana Ivanova, Sandra Kalniete, Edvard Kožušník, Hans-Peter Mayer, Phil Prendergast, Mitro Repo, Robert Rochefort, Zuzana Roithová, Heide Rühle, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Laurence J.A.J. Stassen, Catherine Stihler, Kyriacos Triantaphyllides, Emilie Turunen, Bernadette Vergnaud, Barbara Weiler
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Regina Bastos, Cornelis de Jong, María Irigoyen Pérez, Constance Le Grip, Morten Løkkegaard, Konstantinos Poupakis